MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2603/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Alfred McKay**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm293.33) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 16006 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2001 u April 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2002, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Peter Sammut ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm293.33), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------